2025/2485

10.12.2025

# Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

billi huma partijiet għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u billi huma Stati Membri tal-Unjoni Ewropea (minn hawn "il quddiem, "l-Istati Membri"),

u

L-UNJONI EWROPEA,

minn naħa waħda,

u

IR-RENJU TAL-MAROKK(minn hawn "il quddiem imsejjaħ "il-Marokk"),

min-naħa l-oħra,

Wara li kkunsidraw l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika tal-Kroazja hija Parti għall-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni konkluż bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju tal-Marokk (il-"Ftehim") iffirmat fi Brussell fit-12 ta' Diċembru 2006 , kif emendat bil-Protokoll biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija iffirmat fi Brussell fit-18 ta' Ġunju 2012.

*Artikolu 2*

1. Id-dispożizzjoni li ġejja tiżdied fl-Anness II (Ftehimiet Bilaterali bejn il-Marokk u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea) tal-Ftehim.

Wara t-tieni inċiż:

"— Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Marokk dwar it-Trasport bl-Ajru ffirmat f'Rabat fis-7 ta' Lulju 1999;".

2. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin jiżdiedu mal-ewwel paragrafu tal-Anness III (Proċeduri biex jitħaddmu l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi tekniċi: l-awtoritajiet kompetenti) tal-Ftehim,

wara t-taqsima dwar il-Bulgarija:

"Il-Kroazja:

l-Aġenzija tal-Avjazzjoni Ċivili Kroata (CCAA)".

*Artikolu 3*

It-test tal-Ftehim bil-Kroat, li huwa mehmuż ma' dan il-Protokoll, għandu jitqies bħala awtentiku skont l-istess kundizzjonijiet bħall-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra.

*Artikolu 4*

1. Dan il-Protokoll huwa approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri tagħhom stess. Għandu jidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Madankollu, f'każ li dan il-Protokoll jiġi approvat mill-Partijiet Kontraenti wara d-data ta' dħul fis-seħħ tal-Ftehim, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin f'konformità mal-Artikolu 30(2) tal-Ftehim, dwar it-twettiq tal-formalitajiet ta' approvazzjoni interni.

2. Dan il-Protokoll għandu jiġi applikat b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu miż-żewġPartijiet.

Dan il-Protokoll huwa mfassal fi Brussell, fil-21 ta' Novembru 2025, f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Netherlandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża, Żvediża u Għarbija, u kull wieħed minn dawn it-testi huwa ugwalment awtentiku.

За държавите-членки
Por los Estados miembros
Za členské státy
For medlemsstaterne
Für die Mitgliedstaaten
Liikmesriikide nimel
Για τα κράτη μέλη
For the Member States
Pour les États membres
Thar ceann na mBallstát
Za države članice
Per gli Stati membri
Dalībvalstu vārdā –
Valstybių narių vardu
A tagállamok részéről
Għall-Istati Membri
Voor de lidstaten
W imieniu Państw Członkowskich
Pelos Estados-Membros
Pentru statele membre
Za členské štáty
Za države članice
Jäsenvaltioiden puolesta
För medlemsstaterna
عن الدول الأعضاء

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen
عن الاتحاد الاوروبي

За Кралство Мароко
Por el Reino de Marruecos
Za Marocké království
For Kongeriget Marokko
Für das Königreich Marokko
Maroko Kuningriigi nimel
Για το Βασίλειο του Μαρόκου
For the Kingdom of Morocco
Pour le Royaume du Maroc
Thar ceann Ríocht Mharacó
Za Kraljevinu Maroko
Per il Regno del Marocco
Marokas Karalistes vārdā –
Maroko Karalystės vardu
A Marokkói Királyság részéről
Għar-Renju tal-Marokk
Voor het Koninkrijk Marokko
W imieniu Królestwa Marokańskiego
Pelo Reino de Marrocos
Pentru Regatul Maroc
Za Marocké kráľovstvo
Za Kraljevino Maroko
Marokon kuningaskunnan puolesta
För Konungariket Marocko
عن المملكة المغربية